Nru. 739

ORDNI TA' EMERĠENZA GHAL KONSERVAZZJONI

Artikolu 47 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp

L-Awtorità ta' l-Ippjanar iddeċidiet li l-proprjetà li ġejja, jigifieri:-

Raddi u Fdalijiet ohra fil-Blat
f'Ta' Durell, Sannat - Ghawdex
(ara l-pjanta f'paġna 7,734) jistghu jkunu ta' valur arkeoloġiku.

L-Awtorità hija wkoll tal-fehma li l-proprjetà msemmija tinsab fil-periklu li tiġi danneġġata jew distrutta.

L-Awtorità qieghda b'hekk tohroġ Ordni ta' Emerġenza ghal Konservazzjoni ghar-rigward ta' dan is-sit imsemmi hawn fuq, skond artikolu 47 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

(i) L-Awtorità ta' l-Ippjanar ma tikkonsidra l-ebda permess ghall-iżvilupp fil-proprjetà msemmija hawn fuq qabel ma jsiru investigazzjonijiet arkeoloġiċi, li ghandhom ikunu skond il-kriterji ta' l-Awtorità ta' l-Ippjanar u tad-Dipartiment tal-Mużewijiet, u f'liema investigazzjonijiet ma jiġux identifikati fdalijiet arkeoloġiċi ta' valur mid-Dipartiment tal-Mużewijiet.

(ii) L-ebda investigazzjoni arkeoloġika ma tista' ssir fil-proprjetà qabel ma jinkiseb permess mid-Dipartiment tal-Mużewijiet u li l-investigazzjonijiet ghandhom isiru skond il-provvedimenti ta' l-Att dwar il-Protezzjoni ta' l-Antikitajiet.

(iii) L-ebda tnehhija, hsara, żvilupp, irdim, ċaqlieq ta' materjal jew tnehhija ta' ġebel ma jista' jsir fl-ebda parti tal-propjetà ta' l-imsemmija fdalijiet sakemm ma jinghatax permess mill-Awtorità ta' l-Ippjanar b'konsultazzjoni mad-Dipartiment tal-Mużewijiet.

(iv) Kull intervent f'din il-proprjetà li jkun permess skond il-provvedimenti msemmija hawn fuq ghandu jkollu l-approvazzjoni bil-quddiem mill-Awtorità ta' l-Ippjanar.

Din l-Ordni tibqa' fis-seħħ ghal żmien 6 xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din l-Ordni.

Jekk is-sit jiġi danneġġat jew distrutt bi ksur ta' din l-Ordni, l-Awtorità teżerċita s-setghat tagħha ta' twettiq, kif imfissra f'artikoli 46, 52, 53 u 55 ta' l-Att. L-Att jahseb ghal pieni horox ghall-ksur ta' kontroll fuq Proprjetà Skedata.

Id-19 ta' Novembru, 1996

No. 739

EMERGENCY CONSERVATION ORDER

Section 47 of the Development Planning Act 1992

The Planning Authority believes that the following property, namely:-

Cart-Ruts and other Rock-Cut Features
at Ta' Durell, Sannat - Gozo
(see site plan on page 7,734) could be of archaeological value.

The Authority also believes that the property is in danger of being demolished, damaged or destroyed by development.

The Authority is hereby issuing an Emergency Conservation Order in respect of the above property in accordance with section 47 of the Development Planning Act.

(i) No development permission within the property is to be considered by the Planning Authority before an archaeological survey of the property, carried out to the satisfaction of the Planning Authority and the Museums Department, is carried out and no significant archaeological remains are identified by the Museums Department.

(ii) No archaeological investigations within the property may be carried out without prior permission being obtained from the Museums Department and the investigations must be in accordance with the provisions of the Antiquities Protection Act.


(iii) The destruction, infliction of damage, development, dumping or movement of earth, or removal of stones within the property of the said archaeological features is prohibited unless a permit is obtained from the Planning Authority in consultation with the Museums Department.

(iv) Any interventions on the property which might be permissible according to the above must be approved in advance by the Planning Authority.

The Order shall have effect for a period of 6 months from the date of publication of this Order.

If the site is damaged, altered or destroyed in contravention of this Order the Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in sections 46, 52, 53 and 55 of the Act. The Act provides for severe penalties for contravention of control on Scheduled Property.

19th November, 1996



PLANNING AUTHORITY

St. Francis Ravelin
Floriana

PO Box 200, Valletta
Tel:240976 Fax:224846

(c) Copyright Planning Authority

Bounding Co-Ords.of Map:- Min E31838, N86582 Max E322611, N870471

Title :-

Emergency Conservation Order: Ta' Durell, Sannat, Gozo

Ref No. :- **GF 620/96**

Cart Ruts & Rock Cut Features at Ta' Durell, Sannat, Gozo
A - Rock Cut Channel
B - Circular Rock Cut Feature
C - Cart Ruts

Form No. :- MU003